**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar id-9 ta' Novembru 2023**

**Rikors Nru : 378/2023 JPG**
**Kawza Nru : 21**

**KD**
**Vs**
**RD**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attur datat 6 ta' Lulju 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg fis-sbatax (17) ta' Gunju, elfejn u sitta (2006) fil-knisja tal-Kappuccini, Floriana liema zwieg gie debitament rregistrat fir-registru taz-zwieg f'Malta bin-numru tac-ceritfikat 841/2006 u dan kif jirrizulta md-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

*Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghadhom zewgt itfal minuri, u cioe' LD fl-eta' ta' X u ND fl-eta' ta' Y;*

*Illi l-partijiet isseparaw legalment nhar it-18 ta' Novembru 2016 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-nutar Anne-Marie Tonna anness u mmarkat Dok B;*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal numru ta' snin;*

*Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;*

*Illi m'hemm ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur il-minuri;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorjzu skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qieghed ghar-ragunijiet fuq imsemmija, jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*
2. *Tordna li l-intimata tirriverti ghal kunjom taghha ta' xebba ossija "Sultana";*
3. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-paritjiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 10 ta' Ottubru 2023, a fol 27, li taqra hekk:

*Illi hija qieghda taghti ruhha b'notifika ghar-rikors guramentat ta' Kleaven Debattista pprezentat nhar is-6 ta' Lulju 2023;*

*Illi hija taqbel mal-premessa li zzewwgu nhar is-17 ta' Gunju 2006 fil-Knisja tal-Kappucini, Floriana u li sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubblika minn Nutar Anne Marie Tonna tat-18 ta' Novembru 2016 u mill-liema zwieg twieldu zewgt'ifal.*

*Illi l-esponenti taqbel li ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni u li ma hemm ebda kwistjoni fuq manteniment.*

*Illi hija tirrileva li hemm pendenti proceduri ta' annulament taz-zwieg ccelebrat fil-Knisja.*

*Li hija taqbel li ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' S.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qieghda tirrimetti ruhha ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 22) illi l-partijiet izzewgu nhar is-17 ta' Gunju 2006 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghandhom minorenni. Sostna illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Anne Marie Tonna datat nhar **il-15 ta' Novembru 2006**. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (vide affidavit fol 32) u kkonfermat u kkorraborat max-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-***

*miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin*

> ***f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-17 ta' Gunju 2006, liema zwieg jgib certifikat numru 978/2006 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 2A). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna nhar il-15 ta' Novembru 2016 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat li minkejja illi l-intimata infurmat lill-Qorti li hemm proceduri ghall-annulament pendent bejn il-partijiet, ma giet esebita ebda sentenza finali f'dan ir-rigward.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-

ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 978/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-atrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe S u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**